MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Numru 14/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Serag F. H. Ben Abid**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-2 ta' Ottubru 2001 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

" Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 14/2001;

Semghet, fl-udjenza tal-bierah, 1 ta' Ottubru, 2001, lil Serag F.H. Ben Abid jammetti l-htija tieghu skond l-akkuzi migjuba kontrih fl-ismsemmi Att ta' Akkuza, f' liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenza legali ta' tali ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha u, jekk irid, jerga' lura minnha (u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali);

Tiddikjara lill-imsemmi Serag F.H. Ben Abid hati talli mporta f' Malta ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi; liema reat sar taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklusiv tieghu, u dan skond it-**tieni kap** tal-istess Att ta' Akkuza;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni; semghet, fl-udjenza tal-bierah u bil-gurament, lill-hati minn jeddu, lill-Ispettur Norbert Ciappara, kif ukoll lid-Direttur tal-Habs Emanuel Cassar; semghet lill-Avukat Dott. Leon Bencini ghall-hati u lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom u in partikolari is-segwenti:

i. l-ammont ta' raza tal-cannabis involuta f' dan il-kaz, u cioe 1314.6 grami, li huwa ammont sostanzjali;
ii. il-fatt li l-hati dahhal din id-droga f' Malta ghall-flus, u cioe ghax gie mhallas biex jaghmel hekk, kif irrizulta mid-deposizzjoni moghtija minnu fl-udjenza tal-bierah;
iii. l-ammissjoni tal-hati fi stadju bikri tal-procedura quddiem din il-Qorti, fatt, dan, li jwassal lil dan il-Qorti sabiex tikkunsidra l-principji minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni;
iv. il-fatt li fl-udjenza tal-bierah il-hati, fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, semma b' isimhom iz-zewg persuni li kienu qabbduh imur il-Marokk u jgib id-droga f' Malta, u anke identifika wiehed minnhom minn ritratt li gie ezibit mill-prosekuzzjoni; dwar dan il-fatt din il-Qorti tosserva li l-

Artikolu 29 tal-Kap. 101 jipprovdi ghal tnaqqis fil-piena meta l-hati jkun ghen "lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicini"; issa, f' dan il-kaz, il-medicina perikoluza ma gietx provduta ("supplied", fit-test Ingliz tal-ligi) minn ebda wiehed miz-zewg persuni indikati mill-hati fid-deposizzjoni tieghu; anqas jista' jinghad li b' dik id-deposizzjoni tieghu tal-bierah il-hati ghen lill-Pulizija "taqbad" lil xi hadd – kif xehed l-ispettur Norbert Ciappara, wiehed miz-zewg persuni msemmija mill-hati diga jinsab ghaddej proceduri kriminali, u jekk kemm–il darba l-hati jixhed f'dawk il-proceduri u jekk id-deposizzjoni tieghu tigi accettata bhala wahda veritjera, ikun qieghed semplicement isahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni kontra dik il-persuna; madanakollu, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena il-fatt li l-hati wera li hu dispost li jghin lill-Pulizija u lill-awtoritajiet gudizzjarji;

v. iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

vi. il-fatt li bejn it-tieni u l-ewwel kap hemm in-ness tal-mezz ghall-fini; u

vii. il-fatt li f'dana l-kaz din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tapplika, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni kapi, il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor izda piena ta' prigunerija ghal perjodu determinat fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-proviso tas-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap.101.

Rat l-Artikoli 7, 8(a), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(I)(3A)(d) tal-Kap.101; l-artikoli 4(1) u 41 tal-Kap. 233; u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lil Serag F.N. Ben Abid ghall-piena ta' tmien (8) snin u hames (5) xhur prigunerija (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, kif ukoll multa ta' disa' telef u hames mitt lira (lm9,500) (konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli ohra, u tal-proprjeta' immobbli kollha tal-imsemmi Serag F. N. Ben Abid, ukoll jekk il-proprjeta' immobbli minn meta huwa gie akkuzat tkun ghaddiet

ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta’ mobbli jew proprjeta’ immobbli jkunu jinstabu f’xi post barra minn Malta; fl-ahhar nett tikkundanna lil Serag F. N. Ben Abid ihallas lir-Registratur is-somma ta disa’ mija w tmenin lira u disa’ w sittin centezmu (Lm985.69), spejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mill-lum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht l-awtorita’ taghha, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur bl-assistenza tal-ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat ghal dana l-fini, u dan mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum, kemm-il darba fi zmien erbat ijiem mill-lum il-prosekuzzjoni ma tiddikjarax permezz ta’ nota li l-imsemmija droga hija mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra; ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji kollha tal-process ta’ distruzzjoni, liema proces-verbal ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fil-15 ta' Ottubru 2001 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha fejn in forza taghha l-appellant instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u fejn gie kkundannat ihallas is-somma ta' Lm985.69 bhala spejjez peritali, u tirrevokaha fejn in forza ta' l-istess sentenza l-appellant gie kkundannat tmien snin u hames xhur prigunerija u multa ta' Lm9,500 konvertibbli f'sitt xur prigunerija ohra f'kaz ta' inadempjenza fil-hlas u minflok timponi piena aktar idoneja ghall-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan huwa kaz fejn l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti l-akkuzi dedotti kontra tieghu, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni minn dik il-Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Il-punt kardinali fir-rikors ta' l-appell pero` jirrigwarda l-kwistjoni dwar l-applikabilita` o meno ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101. L-appellant jissottometti li, kuntrarjament ghad-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti, l-artikolu 29 tal-Kap 101 huwa applikabbli ghall-kaz in dizamina u konsegwentement hemm lok ghal riduzzjoni ulterjuri tal-piena nflitta fuq l-appellant proprju a tenur ta' l-istess artikolu. Huwa jghid:

"L-ewwel Qorti naqset li tapplika l-provvedimenti tal-imsemija disposizzjoni wara li ppremettiet li 1-esponent ma ghenx lill-Pulizija biex taqbad lil xi hadd billi wiehed mill-persuni riferiti mill-esponent fix-xhieda tieghu moghtija quddiem il-Qorti Kriminali fl-1 ta’ Ottubru, 2001 diga kien soggett ghal proceduri kriminali. B’danakollu huwa sottomess li din il-persuna tista’ potenzjalment tigi liberata mill-proceduri gia’ istitwiti kontra taghha u tinstab hatja in konsegwenza tal-proceduri kriminali li talvolta jigu istitwiti kontra din il-persuna fid-dawl tal-informazzjoni moghtija lill-Pulizija mill-esponent kif ukoll tax-xhieda li talvolta tinghata mill-esponent kontra din il-persuna ‘il quddiem.

Jigi ukoll sottomess f'dan il-kuntest li l-intenzjoni tal-Legislatur bl-uzu tal-kelma “taqbad” fl-imsemmi inciz ma kienx qed jimplika li rapport wiehed biss li jwassal ghall--arrest ta’ persuna ghandu jipproduci tnaqqis fil-piena bl-applikazzjoni tad-disposti tal-imsemmija disposizzjoni izda li anke pluralita’ ta’ rapporti minn diversi persuni kontra 1-

istess persuna jistghu jwasslu ghal tnaqqis fil-piena b’referenza ghal diversi persuni billi tkun giet skoperta l-esistenza ta’ reati mwettqa f'aktar minn okkazzjoni wahda mill-persuna li tkun giet denunzjata. Kieku din ma kinitx l-intenzjoni tal-Legislatur tigi prodotta sitwazzjoni anomala fejn persuni involuti fl-abbuz tad-droga ma jaghtux informazzjoni lill-Forzi tal-Ordni kontra persuna li tkun gia’ detenuta una volta li ma jkunux jistghu juzufruwixxu mill-provvedimenti tad-disposizzjoni riferita. Huwa ghalhekk sottomess li l-kelma “taqbad” fl-inciz aktar ‘il fuq riferit ghandha tinghata interpretazzjoni wiesa u ghandha tigi mifhuma f’sens li anke pluralita’ ta’ denunzji minn diversi persuni kontra persuna ohra li jikxfu t-twettieq ta’ reati konnessi mal-abbuz tad-droga da parti tal-persuna denunzjata ghandhom jaghtu lok ghall-applikazzjoni tal--provvedimenti tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-konfront ta’ kull persuna li tkun ghenet lill-Pulizija biex tiskopri 1-ezistenza ta’ reati relatati mal-abbuz tad-droga mwettqa mill-persuna denunzjata.

L-ewwel Qorti tat raguni ohra ghala ma kellhiex tigi applikata d-dispozizzjoni riferita fis-sens li indikat li l-persuni li kien semma’ 1-esponent fix-xhieda tieghu ma kinux ipprovdewlu r-raza kif tiddisponi 1-imsemmija disposizzjoni mentri, per ezempju, il-persuna Maltija li semma’ 1-esponent certament kien involut direttament fil-provvista tar-raza lill-esponent billi kien partecipi kemm fis-sussidju tal-progett kriminali u anke fil-logistika kollha mehtiega biex seta’ jitwettqu r-reati in kustjoni filwaqt li 1-esponent wettaq 1-istruzzjonijiet moghtija lilu minn din il-persuna. Huwa sottomess li din id-disposizzjoni m’ghandhiex tigi interpretata fis-sens li 1-provvista ta’ 1-medicina perikoluza trid ssir direttament minn persuna ghall-ohra izda ghandha tigi interpretata b’mod li tkopri ukoll dawk il-kazijiet fejn persuna tqabbad lil xi hadd biex takkwista d-droga minghand terza persuna maghrufa lil1-ewwel persuna, biex din id-droga tigi konsenjata lill-ewwel persuna, kif fil-fatt gara f’dan il-kaz."

L-artikolu 29 tal-Kap 101 jipprovdi testwalment:

**"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas …."**

L-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti u hemm implika lil certu Joseph Camilleri mlaqqam "il-harbat" u lil certu Faud Abid bhala l-persuni li qabbduh igib id-droga mill-Marokk, u li l-flus harighom Camilleri. Fl-ebda waqt izda ma jsostni li dawn it-tnejn min-nies "ipprovdewlu" xi medicina perikoluza. Difatti, kif jidher car mill-artikolu 29 citat, it-tnaqqis fil-piena jsir meta l-hati jkun ghen "lill-Pulizija biex <u>taqbad</u> lill-persuna jew lill-persuni li jkunu <u>pprovdewlha</u> l-medicini". F'dan il-kaz il-medicina perikoluza ma gietx ipprovduta ("supplied", fit-test Ingliz) lill-appellant mill-persuni indikati minnu fix-xiehda tieghu. Mela anke kieku l-pulizija kien irnexxielha "taqbad" ("apprehend", fit-test Ingliz) lill-imsemmijin zewg persuni bis-sahha tal-ghajnuna ta' l-appellant (haga li lanqas ma tirrizulta fil-kaz in ezami), xorta ma jistax jinghad li huwa applikabbli l-artikolu 29 imsemmi peress li ma kinux huma li pprovdewlu l-medicina perikoluza.

Ghalhekk l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ta' l-artikolu 29 tal-Kap 101 kienet korrettissima. U dan qieghed jinghad anke ghal dik il-parti tas-sentenza taghha fejn irreferiet ghall-fatt li wiehed miz-zewg persuni msemmija mill-appellant diga` kien ghaddej proceduri kriminali kontra tieghu u ghalhekk bix-xiehda tieghu, kemm-il darba "<u>tigi accettata bhala wahda veritjera</u>, [l-appellant] ikun qieghed semplicement isahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni kontra dik il-persuna". Il-ligi hija cara u ma hemm l-ebda bazi biex l-interpretazzjoni taghha tigi estiza kif jippretendi l-appellant. Nonostante dan l-ewwel Qorti xorta wahda hadet in konsiderazzjoni, u dan iddikjaratu fis-sentenza taghha, "il-fatt li l-appellant wera li hu dispost li jghin lill-Pulizija u lill-awtoritajiet gudizzjarji". U quddiem din il-Qorti d-difiza ddikjarat li effettivament l-appellant xehed fil-proceduri kontra 'l fuq imsemmi Joseph Camilleri.

Il-fatt li l-appellant ta x-xiehda tieghu fl-imsemmijin proceduri naturalment ma jfissirx li huwa ghandu jibbenefika awtomatikament minn tnaqqis iehor fil-piena. Kull ma ghamel hu li wettaq id-dover tieghu bhalma wera lill-ewwel Qorti li kien lest li jwettaq, u ta' dan, fost bosta konsiderazzjonijiet ohra li ghamlet il-Qorti, inghata tnaqqis sostanzjali fil-piena. Tant hu hekk li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-ligi izda hi ferm il-boghod minn dik massima stabbilita mil-ligi.

Ghalhekk, u wara li din il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li l-piena nflitta mhijiex, kif jilmenta l-appellant, wahda eccessiva u ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tvarja minn din il-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll dik pekunjarja.

Ghalhekk l-aggravji ta' l-appellant huma respinti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F. H. Ben Abid** b'dan li l-perijodu ghall-hlas lir-Registratur tas-somma ta' Lm985.69 spejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------